MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 955/2005

**Shaun Patrick Debrincat**

**Vs**

**Direttur Registru Pubbliku**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-cittazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta illi:

Peress illi l-esponent twieled f'Williamston, Victoria, Australia fis-sittax (16) ta' Marzu ta' l-elf disa' mija u hamsa u tmenin (1985) u l-att tat-ttwelid tieghu gie registrat fir-*Registry of Births, Deaths and Marriages* ta' dak l-istat;

Peress illi f'dak ic-certifikat kien gie inkors zball fid-data tat-twelid tieghu, ghaliex gie indikat illi huwa twieled fis-sitta (6) ta' Marzu ta' l-elf disa' mija u hamsa u tmenin (1985);

Peress illi dak l-izball gie rettifikat ricentement fuq rapprezentazzjonijiet maghmula mill-genturi tieghu;
Peress illi dak l-izball gie rifless fic-certifikat tat-twelid tieghu fir-Registru Pubbliku ta' Malta, liema certifikat gie registrat bin-numru progressiv elfejn disa' mija u tmienja u sebghin (2978) ta' l-elf disa' mija u tlieta u disghin (1993);
Peress illi dan l-att huwa ghalhekk skorrett ghaliex fil-kolonna ''Data tat-Twelid'' id-data hemm indikata 'Wed. 06 March 1985' trid tigi sostitwita bid-data 'Saturday 16 March, 1985';
Peress illi l-esponent ghandu nteress illi dan l-att jigi korrett;
Ghid inti konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:
(1) tiddikjara li d-data tat-twelid ta' l-attur fil-kolonna relattiva fl-Att tat-Twelid, Att Numru 2987/1993, hija erroneament indikata;
(2) konsegwentement tordna il-korrezzjoni ta' l-istess l-Att tat-Twelid, Att Numru 2978/1993, billi fil-kolonna ''Data tat-Twelid'' id-data hemm indikata 'Wed. 06 March 1985', tigi sostitwita bid-data 'Saturday, 16 March, 1985';
Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa inti ngunt.
Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol.3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol.15 fejn ecepixxa:

1. Illi l-esponent ma joggezzjonax illi ssir il-korrezzjoni mitluba fit-talbiet attrici.

2. Illi ghandha ssir d-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid ta' l-attur m'huwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet lill attur bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri;

**Tikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti t-talba attrici tidher li hija gustifikata u fil-fatt il-konvenut mhux qed jopponi t-talba.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa' t-talba ta' l-attur u
Tiddikjara li d-data tat-twelid ta' l-attur fil-kolonna relattiva ta' l-Att ta' Twelid, Att Numru 2978/1993 hija erroneament indikata;
Tordna l-korrezzjoni ta' l-istess Att ta' twelid Att Nru 2978 billi fil-kolonna "Data tat-Twelid" id-data hemm indikata 'Wed. 06 March 1985' tigi sostitwita bid-data 'Saturday, 16 March 1985'
Tordna d-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern a termini ta' l-artikolu 254 tal-Kap 16.

Spejjez ghall-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------